**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2016 dwar punt imqajjem fil-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Fil-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tat-28 ta' Novembru 2016 iċ-Chairperson, l-Onor. Tonio Fenech ivverbalizza hekk:

> "Il-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi rċieva talba mill-Union Ħaddiema Maqgħudin - Voice of the Workers (UĦM) u l-Medical Assocation of Malta (MAM) biex jagħmel eżami tal-kuntratti tal-Vitals Global Healthcare Malta, skont it-termini ta' referenza li huma bagħtu fl-ittra tagħhom."

Din l-ittra ġġib id-data tal-21 ta' Novembru 2016.

> "Il-Kumitat, fid-diskussjoni tiegħu, qamet il-kwestjoni jekk il-materja kellhiex tiġi diskussa mill-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi jew inkella mill-Kumitat tas-Saħħa. Iċ-Chairman, *qua* bħala Chairman tal-Kumitat, jinterpreta li l-mansjonijiet u l-*issues* imsemmija fl-ittra huma fil-kompetenza tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi għaliex jirrigwardaw kwestjonijiet li huma pertinenti tal-Kumitat, għaliex jirrigwardaw kwestjonijiet ċari li huma finanzjarji ta' kuntratti u ta' *issues* oħrajn li huma relatati f'dan is-sens. Iċ-Chairman tal-Kumitat jinnota li l-Ordnijiet Permanenti ma jitkellmux dwar il-fatt li r-responsabilitajiet ta' kumitat jiġu mgħoddija lil kumitat ieħor. Iċ-Chairman allura ma jħossx li l-Kumitat jista' jieħu deċiżjoni li talba li rċieva direttament hu skont ir-responsabilitajiet u l-mansjonijiet tiegħu, jiddelegaha lil ħaddieħor. Ħa nuża l-kliem kollu: Jiddelegaha, jirreferiha u dak kollu li jista' jinftiehem, li d-diskussjoni ssir f'kumitat ieħor u mhux fil-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi."

Inkompli nikkwota mit-traskrizzjoni tal-laqgħa:

> **"ONOR. OWEN BONNICI:** Tiġi riferuta. Il-kwestjoni hija: jista' dan il-Kumitat jirreferi jew ... ma jistax jiddelega ovvjament!
>
> **THE CHAIRMAN:** U lanqas jirreferi skont l-Ordnijiet Permanenti!
>
> **ONOR. OWEN BONNICI:** Però li jirreferi jew jirrimanda jista'!
>
> **THE CHAIRMAN:** Ma jistax! Jien, għaldaqstant, qed nitlob *ruling* ċar mill-Ispeaker fuq dan il-fatt."

Is-Sedja rat l-ittra mibgħuta mill-Avukat Ian Spiteri Bailey f'isem il-Union Ħaddiem Magħqudin (UĦM) fejn saret it-talba sabiex il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jinvestiga l-kuntratti hekk magħrufa tat-tliet sptarijiet mal-Vitals Global Healthcare Malta (VGH). Nikkwota mill-ewwel paġna tal-ittra:

> "L-interess ewlieni taż-żewġ *trade unions* huwa dak tal-membri tagħha, ħaddiema tal-isptarijiet pubbliċi relattivi. Il-Gvern qed jesiġi li l-*unions* tagħha jagħlqu l-ftehim - iżda l-*unions* qed iħossu illi mhux fl-interess tal-membri tagħhom illi jikkonkludu l-ftehim u dan fid-dawl ta' tant u tant mistoqsijiet, fatti nebolużi, nuqqas ta' risposti u nuqqas ta' trasparenza li jiċċirkondaw il-ftehim milħuq bejn il-Gvern u l-Vitals Global Healthcare Malta.

Il-*unions* esponenti jħossu li mhux sewwa u ma jkunx fl-interess tal-Membri tagħhom li jagħlqu l-ftehim meta mhux ċar x'inhuma l-konsegwenzi legali, prattiċi, fattwali, industrijali u reali fuq il-ħaddiema, konsegwenza tal-ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-Vitals Global Healthcare Malta.

Il-*unions* għamlu ħafna mistoqsijiet li baqgħu mhux imwieġba. Il-*unions* talbu għal ħafna informazzjoni li baqgħet ma ngħatatx. Il-*unions* esperjenzaw xhur twal ta' nuqqas ta' trasparenza, ta' nuqqas ta' serjetà u ta' nuqqas ta' *level playing field.* Huwa għalhekk, li qabel ma l-*unions* iħossuhom komdi dwar l-effetti reali tal-kuntratt imsemmi fuq il-ħaddiema u l-kondizzjonijiet tagħhom, huma mhux se jersqu biex jiffirmaw. Huwa għalhekk ukoll, li l-*unions* qed jagħmlu minn kollox kif ikollhom l-informazzjoni kollha, inkluż għalhekk billi ressqu t-talba odjerna."

L-istess ittra tkompli biex, fost affarijiet oħra, tagħmel referenza għal x'ġie rapportat fil-gazzetta *The Malta Independent* u tagħti informazzjoni dwar il-proprjetà tal-kumpanija Bluestone 4 li hija rreġistrata fil-British Virgin Islands. Tissemma wkoll il-proprjetà ta' Oxley Group ta' Singapore u hemm referenza għall-programm "Xtra" fir-rigward tal-intervista li ta l-Ministru Fearne dwar din il-kumpanija u l-Bank of Australia. Issir referenza wkoll għad-dikjarazzjoni li għamel il-Ministru Fearne fuq ir-radju RTK fejn qal li t-tliet sptarijiet għaddew f'idejn il-kumpanija Vitals Global Healthcare Malta għas-somma ta' €3 miljun u ċens annwali ta' €500,000 għat tliet siti f'daqqa. Skont l-istess ittra l-Ministru għas-Saħħa qal ukoll li l-Gvern kien se jħallas għas-servizz, ta l-assigurazzjoni li l-ħaddiema ma kenux se jonqsu, li s-somma li kien se jħallas il-Gvern kienet se tkun daqskemm tiswa lill-Gvern bħalissa u li l-pagi kienu se jitħallsu mill-Gvern imbagħad jitnaqqsu mill-ħlas dovut. Fl-ittra ssir referenza wkoll għal Bart's Medical School, għal-liċenzjar u l-applikazzjoni għall-permessi u għall-ftehim mal-*unions.* Hemm ukoll sensiela ta' mistoqsijiet dwar dak li ġie deskritt bħala l-aktar affarijiet inkwetanti għall-ħaddiema u għall-*unions.* Bħala konklużjoni l-Avukat Spiteri Bailey qal li għaldaqstant il-UĦM – Voice of the Workers u l-MAM qed jitolbu lil dan il-Kumitat biex jinvestiga l-kuntratti bl-aktar mod dettaljat fil-kuntest tal-premessi u l-preokupazzjonijiet kif espressi.

Is-Sedja rat ukoll dak li jgħid l-Ordni Permanenti 120E li jirrigwarda l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi u li jitkellem dwar is-setgħat ta' dan l-istess Kumitat u nikkwota:

"Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jkollu s-setgħa li:

(a) jifli ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet pubblici li jiġu lilu riferiti mill-Kamra, minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali;
(b) jifli kull spiża bħalma hemm imsemmi fl-artikoli 103(3) u 104 tal-Kostituzzjoni;
(ċ) jeżamina l-kontijiet ta' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament;
(d) jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-Kumitat Permanenti;
(e) jikkonsidra memoranda ppreżentati mill-Awditur Ġenerali, li jkunu ġew ippreżentati wara li tkun saritlu talba bis-saħħa tas-subparagrafu (d) ta' dan il-paragrafu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess;
(f) jeżamina rapporti u dokumenti li għandhom x'jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali;
(g) jirrapporta lill-Kamra dwar kull kont, rapport jew dokument imsemmija fis-subparagrafi ta' qabel dan il-paragrafu; u

(h) jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli, dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus."

Aktar 'l isfel f'dan l-Ordni Permanenti insibu dan li ġej:

"F'każ li Ministru, Segretarju Parlamentari jew Membru jkun membru tal-Kumitat u għall-iskrutinju ta' dan l-istess Kumitat ikun hemm suġġett jew qasam li tiegħu dak il-membru tal-Kumitat ikun jew kien direttament responsabbli jew involut fih għal perjodu taħt diskussjoni, dak il-membru tal-Kumitat għandu jċedi postu lil membru ieħor ..."

Prattikament dan huwa l-Ordni Permanenti li jirregola l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Peress li kif ġie indikat mill-istess Chairman, kien hemm talba sabiex il-materja kontenuta fl-ittra fuq ċitata tiġi riferuta lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa, is-Sedja rreferiet ukoll għall-Ordni Permanenti 120J fejn jirrigwarda l-mansjoni ta' dan il-Kumitat, u nikkwota:

"Il-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa jkollu s-setgħa li:

(a) fuq inizjattiva tiegħu stess, jiddiskuti *policy* u materji fil-qasam tas-saħħa li jkollhom importanza strateġika u ta' interess materjali għall-pazjenti u jirraporta fuqhom lill-Kamra;

(b) jifli kull rapport, pjan strateġiku, pjan ta' ħidma kif ukoll *policy* riferuti lilu mill-Kamra, mill-Ministru jew minn xi Kumitat Permanenti ieħor;

(ċ) jifli materji u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-infieq kapitali u rikorrenti ta' dawk id-dipartiment, awtoritajiet statutorji u organizzazzjonijiet pubbliċi li joperaw fil-qasam tas-saħħa pubblika;

(d) jifli materji u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa pubblika u d-drittijiet tal-pazjent;

(e) jiddiskuti u janalizza l-impatt tad-deċiżjonijiet tal-gvern u l-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-saħħa;

(f) jeżamina u jirraporta lill-Kamra dwar rapporti u dokumenti li għandhom x'jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali jew mill-Kummissarju għas-Saħħa;

(g) jitlob lill-Kummissarju għas-Saħħa biex jidher quddiem il-Kumitat dwar materji relatati mal-ħidma tiegħu; u

(h) jitlob biex persuni jidhru quddiem l-istess Kumitat sabiex jagħmlu espożizzjoni jew jagħtu rendikont tal-ħidma u tar-responsabbiltajiet tagħhom fl-oqsma li jaqgħu taħt dan l-istess Kumitat."

Is-Sedja rat ittra datata 9 ta' Novembru 2016 li ġiet imsemmija wkoll fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi tat-28 ta' Novembru 2016 li kienet inbagħtet

mill-Onor. Claudette Buttigieg, *shadow minister* għas-saħħa u membru tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa, liċ-Chairperson tal-Kumitat dwar is-Saħħa l-Onor. Etienne Grech. Nikkwota minn din l-ittra:

> "F'isem l-Oppożizzjoni qed nagħmel talba biex tlaqqa' l-Kumitat Parlamentari dwar is-Saħħa malajr u għal kemm żmien meħtieġ biex jifli fid-dettall il-kuntratti kollha dwar l-għoti tal-isptarijiet San Luqa, Karen Grech u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex lill-kumpanija privata barranija bi ħlas ta' għexieren ta' miljuni ta' dollari lilha mill-Gvern Malti.
>
> Kif żgur li qed issegwi qed ikunu żvelati fatti ġodda dwar l-għoti ta' dawn l-isptarijiet li, għalhekk, qed ikompli dejjem aktar ikun imdawwar b'suspetti ta' korruzzjoni u tmexxija ħażina tal-interessi tal-poplu Malti u Għawdxi.
>
> Il-persuna Ram Tumuluri, il-miftiehem mal-Gvern, ħerġin aktar dettalji ta' tfittxijiet kontrih fuq frodi, fosthom fil-Kanada. Dan jixhduh dokumenti tal-Qorti Suprema tal-British Columbia, fil-Kanada.
>
> Waqt li r-reputazzjoni ta' Ram Tumuluri ħierġa dejjem aktar imżellġa, kien ċar mill-bidu li hu lanqas m'għandu l-esperjenza meħtieġa ta' tmexxija ta' sptarijiet.
>
> Il-Kumitat Parlamentari li inti tmexxi jixraqlu jindaga fil-fond għaliex il-Gvern qed iżomm sigrieti 60 faċċata sħaħ mill-kuntratt dwar l-għoti ta' dawn it-tliet sptarijiet.
>
> Kif żgur taf inti wkoll, Ram Tumuluri qed jirrappreżenta kumpanija li rreġistrat f'Malta ftit ġranet biss qabel ma l-Gvern ħabbar li kienet waħda mill-kumpaniji preferuti biex jagħtiha l-isptarijiet San Luqa, Karin Grech u ta' Għawdex.
>
> Il-kumpanija kif reġistrata f'Malta hi ta' kumpanija barranija bi struttura xejn trasparenti rreġistrata f'ġurisdizzjonijiet dubjużi u fil-fatt ħadd ma jaf verament ta' min hi din il-kumpanija u lil min se jkun qed iħallas il-Gvern Malti.
>
> Dan jikber fil-gravità meta issa sar magħruf li l-poplu li aħna nirrappreżentaw se jkun imġiegħel iħallas mill-inqas 55 miljun dollaru fis-sena għal mill-inqas 30 sena lil min sar miegħu dan il-ftehim. Il-Kumitat Parlamentari dwar is-Saħħa żgur jixraqlu jkun jaf sewwa min se jdaħħalhom dawn il-55 miljun dollaru fis-sena u jekk miljuni daqstant kbar humiex miljuni ġustifikati.
>
> Ġie żvelat ukoll li l-Gvern għamel taħditiet dwar dan il-ftehim qabel ma ħarġet is-sejħa pubblika f'April tal-2015. Il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Konrad Mizzi, baqa' jiffirma l-kuntratti ma' Ram Tumuluri anke wara li spiċċa minn Ministru tas-Saħħa u wara li kien inħatar il-Ministru preżenti, Dr Chris Fearne.
>
> Għal dawn ir-raġunijiet intenni t-talba biex fl-iqsar żmien tlaqqa' l-Kumitat li inti tmexxi biex jibda dan l-iskrutinju meħtieġ billi, fost oħrajn, isejjaħ l-individwi kollha involuti f'dawn il-kuntratti li jeħtieġ ikunu miflijin bir-reqqa fl-interess tal-poplu tagħna li qed iċedi tliet sptarijiet u li se joħroġ tant għexieren ta' miljuni kull sena.
>
> Iffirmat: Claudette Buttigieg"

Iċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa, l-Onor. Etienne Grech f'*email* li bagħat direttament lill-istess Membru tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Claudette Buttigieg, qal hekk, u se nikkwota mill-*email* datata 22 ta' Novembru 2016:

> "Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 9 ta' dan ix-xahar.
>
> Ninformak li se nilqa' t-talba tiegħek sabiex fil-ġranet li ġejjin inlaqqa' l-Kumitat Parlamentari dwar is-Saħħa ħalli jiddiskuti l-kuntratti tal-*Private Public Partnership* dwar l-isptarijiet San Luqa, Karin Grech u l-Isptar Ġenerali t' Għawdex.
>
> Inselli għalik.
>
> Hon Etienne Grech,
> Chairman tal-Kumitat Parlamentari dwar is-Saħħa."

Is-Sedja għamlet ukoll referenza għal *email* oħra mibgħuta mill-Iskrivan tal-Kumitat dwar is-Saħħa lill-Membri kollha ta' dan l-istess Kumitat fuq struzzjonijet taċ-Chairman l-Onor Etienne Grech, u nikkwota:

> "Onor Membri,
>
> Aktar 'l isfel f'din l-*email*, għandkom issibu korrispondenza mingħand il-President tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa bħala, risposta għall-ittra tal-Onor. Claudette Buttigieg.".

Jidher għalhekk li l-Membri kollha ta' dan il-Kumitat kienu informati bid-deċiżjoni li t-talba tal-Onor. Claudette Buttigieg sabiex il-materja inkwistjoni tiġi diskussa fil-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa, kienet ġiet milqugħa.

Irid jingħad ukoll li llum stess is-Sedja ġiet ikkuppjata f'email mibgħuta mill-Onor Claudette Buttigieg liċ-Chairman tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa li taqra hekk:

> "Għażiż Dr Grech,
>
> Nixtieq ninformak li permezz ta' din l-*email* jiena formalment qed nirtira t-talba tiegħi biex il-Kumitat Parlamentari tas-Saħħa jiddiskuti l-kuntratti tal-VGH.
>
> Dan qed nagħmlu fid-dawl tat-talba tal-UĦM Voice of the Worker u l-Medical Association of Malta (MAM) biex dawn l-istess kuntratti jiġu diskussi quddiem il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi (PAC).
>
> Saħħa
>
> Claudette Buttigieg, MP"

Il-punt kruċjali li jrid jiġi indirizzat f'dan ir-ruling huwa dwar jekk tistax tintlaqa' t-talba tal-Ministru Owen Bonnici liċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi sabiex il-materja kontenuta fl-ittra tal-UĦM u tal-MAM tiġi riferuta lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa. Biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, minbarra l-Ordnijiet Permanenti fuq ċitati,

is-Sedja rreferiet ukoll għal *rulings* li ngħataw fil-passat li kienu jikkonċernaw it-tfassil tal-aġenda tal-Kumitati Permanenti.

F'dan ir-rigward is-Sedja ħadet nota tad-deċiżjoni mogħtija mill-Ispeaker Michael Frendo fis-seduta 260 tat-11 ta' Ottubru 2010, dwar x'jista' jagħmel Chairperson ta' Kumitat dwar *conduct of the business* u dwar l-aġenda li għandha tiġi diskussa fil-Kumitat Parlamentari li huwa jippresjedi, u nikkwota:

> "... il-prassi kostanti fil-Kumitati tal-Kamra kienet li jkun il-President ta' Kumitat li joħroġ l-aġenda għax-xogħol tal-kumitat. Hija stil ta' President minn ieħor jekk il-President jikkonsultax mal-membri tal-kumitat qabel ma jfassal din l-aġenda jew jinterpretax huwa stess l-importanza tad-diskussjoni ta' ċerti temi għall-kumitat innifsu. Iċ-*chairman* għandu r-responsabbiltà li jara li l-kumitat jiltaqa' u jagħmel il-ħidma tiegħu u ma' din ir-responsabbiltà jġorr ukoll ir-responsabbiltà għall-ħruġ tal-aġenda."

F'dan ir-*ruling* l-Ispeaker Michael Frendo jkompli jgħid hekk:

> "... li s-Sedja trid tiddeċiedi (dwarha) tittratta dwar jekk l-aġenda jew xi *item* fuqha jistgħux jiġu kkontestati mill-membri tal-kumitat. L-Ordnijiet Permanenti ma jindikaw xejn speċifiku dwar dan il-punt għar-rigward tal-Kumitati tal-Kamra. Minkejja li tinħareġ mill-President tal-Kumitat wara li jkun fassalha waħdu jew in konsultazzjoni mal-membri tal-kumitat, is-Sedja hija tal-fehma li l-aġenda fit-totalità tagħha u għar-rigward ta' kull *item* tagħha, tibqa' materja ta' kompetenza tal-kumitat kollu."

Din il-prassi ġiet segwita wkoll b'diversi *rulings* oħrajn fosthom ir-*ruling* tal-4 ta' Ġunju 2013 fejn is-Sedja qalet hekk:

> "Hija prerogattiva tal-istess *Chairman* li jkun responsabbli mill-mod kif imexxi dan il-Kumitat u kif jgħid tajjeb l-*Erskine May* f'paġni 795 u 796 tat-23 edizzjoni tal-istess ħarġa tiegħu, fejn jgħid – u nikkwota:
>
> > "*Order in debate in a committee is enforced by the Chairman as he is responsible for the conduct of its business and no appeal from his decision should be made to the Speaker.*"
>
> Però dan ma jfissirx li ċ-*Chairperson* m'għandux b'xi mod jasal f'*consensus* mal-Membri tal-Kumitat dwar it-tfassil tal-aġenda u li jkun hemm ftehim jew almenu kunsens bejn il-membri kollha biex ikun hemm andament aħjar fix-xogħol tal-istess Kumitat Permanenti. Għalhekk il-*bonsens* f'dan ir-rigward huwa mitlub mill-partijiet kollha, għaliex kif tirrimarka din is-Sedja u kif ġie rimarkat f'diversi *rulings* oħra preċedenti, fil-kumitati kollha permanenti fl-aħħar mill-aħħar huwa l-*bonsens* li jirbaħ u mhux il-ktieb tar-regoli u l-prassi, li ċertament huma l-pedamenti li fuqhom jinbena l-aħjar andament tal-istess xogħol ta' dan il-Kumitat."

Din il-prassi ġiet ukoll segwita f'diversi *rulings* oħrajn fosthom ir-*ruling* tal-istess Sedja fis-seduta 130 tas-17 ta' Marzu 2014 kif ukoll fir-*ruling* mogħti fis-seduta 116 tal-4 ta' Frar 2014.

Anzi s-Sedja qalet aktar minn hekk, fejn qalet li l-uniku Kumitat Permanenti tal-Kamra li għandu l-fakultà li jidderieġi x-xogħol hu biss il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra kif definit fl-Ordni Permanenti 120Ċ fejn fost oħrajn jgħid li dan il-Kumitat jista' u għandu l-fakultà u l-poter li jalloka x-xogħol għal kull seduta ta' Kumitat Permanenti li allura jinkludi kemm il-Kumitat Permaneti dwar il-Kontijiet Pubbliċi kif ukoll il-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u kumitati parlamentari oħrajn.

Is-Sedja għalhekk, wara li rat dan kollu u kkonsultat ukoll ma' dak li huwa deċiż l-aktar riċenti fil-House of Commons, fin-nuqqas ta' direzzjoni aktar ċara dwar delega jew *referral* minn kumitat għal ieħor, is-Sedja hija marbuta mal-istess Ordni Permanenti 197, fejn fin-nuqqas li jiġi pprovdut mill-istess Ordnijiet Permanenti tara l-prattiċità tal-House of Commons tar-Renju Unit li mbagħad għandha ssegwi dwar proċeduri li jkunu ġew deċiżi f'dan ir-rigward, tagħmel referenza għal paġna 861 tal-24 edizzjoni tal-Erskine May fejn tgħid, u nikkwota:

> *"As a general rule only those Members nominated to the Committee may take part in the deliberations of the Committee."*

Dan ukoll b'referenza għar-rapport maħruġ mill-Association of Services of General Parliaments – *The Work of Parliamentary Committees* – Inter-Parliamentary Union (2008) fejn dwar il-funzjonijiet u l-*accountability* ta' dawn il-kumitati "*to conduct enquiries to make reports and recommendations to Parliament to compel the attendance of persons and presentation of documents"* u dwar kif jgħid l-istess Professur John Halligan f'dan ir-rapport, jidentifika tliet affarijiet, li għandu jagħmel kull kumitat permanenti li huma: *the scrutiny, the investigation and reference to the legislation.*

Is-Sedja tħoss li f'dak li huwa poteri tal-kumitati, ladarba dan il-Kumitat huwa maħluq skont id-direzzjoni tal-Ordnijiet Permanenti huma l-istess Membri biss tal-Kumitat li għandhom jiddeċiedu jekk l-*item* konsisteni fl-ittra li ntbagħtet mill-Union Ħaddiema Magħqudin u mill-MAM liċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi għandhiex tiġi inkluża jew le fl-aġenda biex tiġi diskussa u hija biss id-deċiżjoni tal-Kumitat innifsu u ma tistax tieħu deċiżjoni l-istess Sedja.

Is-Sedja tiddeċiedi wkoll li ladarba l-Membri tal-Kumitat jiddeċiedu iva jew le, għandhiex tiġi inkluża fuq l-aġenda huma ma jistgħux imma jiddeċiedu li jirreferuha direttament lill-istess Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa biex dik it-talba tal-istess *union* u tal-MAM tiġi diskussa mill-Kumitat Permaneti dwar is-Saħħa. Hija okkażjoni waħda biss li hemm possibiltà fejn kif diġà ngħad fl-Ordni Permanenti dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa, kemm-il darba biss jkun hemm rapport li jkun sar minn kumitat permanenti ieħor li allura jinkludi l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li huwa jista' jiddiskuti x-xogħol ta' kumitat permanenti ieħor u dan kif inhu elenkat fl-Ordni Permanenti 120J (1) (b) li jgħid:

> "... jifli kull rapport, pjan strateġiku, pjan ta' ħidma kif ukoll *policy* riferuti lilu mill-Kamra, mill-Ministru jew minn xi Kumitat Permanenti ieħor."

Allura f'dak il-każ, fin-nuqqas ta' diskussjoni, jekk il-Membri jiddeċiedu li din l-*item* tal-UĦM u tal-MAM m'għandhiex tiġi diskussa quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, ma jistax allura jkun hemm rapport lill-istess Kumitat Permanenti dwar

is-Saħħa għaliex fin-nuqqas ta' dibattitu ma jistax ikun formulat rapport li l-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa li jista' jagħmel tiegħu dak ir-rapport biex jiddiskutih.

Mingħajr preġudizzju, però s-Sedja tħoss li ladarba l-istess Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa jidher li kien diġà ħa pożizzjoni li jiddiskuti l-ittra tal-Onor. Claudette Buttigieg salv l-*email* tal-lum stess, titlob li b'maturità wieħed jasal f'*consensus*, bejn dawk il-Membri li jikkomponu l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, biex jikkonsidraw jekk, bħalma ġara f'diversi okkażjonijiet, li l-kumitati permanenti flimkien, b'mod konġunt, fejn kellna okkażjonijiet f'din il-leġiżlatura fejn diversi kumitati permanenti flimkien jagħmlu d-diskussjoni b'mod konġunt, li jaraw – u s-Sedja qiegħda tara din il-possibilità – li jintlaħaq ftehim dwar id-diskussjoni, li tista' definittivament issir b'mod konġunt fin-nuqqas dejjem li ma jkunx hemm ftehim dwar is-suġġett kif indikat fl-ittra li bagħtu l-istess UĦM u l-MAM li tiġi diskussa mill-istess Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Dan sempliċement huwa suġġeriment tas-Sedja biex dejjem jirbaħ – kif dejjem tgħid is-Sedja f'divers *rulings* li tat lil dan il-Kumitat u kumitati parlamentari oħrajn – il-bonsens flimkien maċ-Chairperson fl-andament tax-xogħol tal-kumitati parlamentari.

Ir-*ruling* huwa deċiż.